MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1024/2004

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Kevin Sammut**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Mejju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u hamsin lira Maltija u erbgha u sittin centezmu (Lm450.64) ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21584038 (CN1023277 a/c 10208361) liema servizz gie nstallat fil-fond bin-numru ufficcjali No.2 Greenpark Court, triq il-Melh, Qawra skond diversi kontijiet mibghuta lilu, prospett anness u mmarkat Dok.A, Dok.B u kuntratt relattiv market Dok.C;**

**Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-18 ta' Gunju, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u ma pprezentax risposta.**

Ghaldaqstant it-Tribunal, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacemntement pruvata, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u hamsin lira Maltija u erbgha u sittin centezmu (Lm450.64) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-25 ta' Mejju, 2004, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------